## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TLIETA

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 30 ta' April, 2002 fis-6.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Persuna waħda. | | |

**AĠENDA**

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Ftehim Maltacom.
4) Faces Consultants Ltd - Bus Shelter Renovation Project.
5) Ftehim eGovernment.
6) Budget 2003.
7) Pooling fir-Reġġjun - Kumitat Konġunt.
8) Mozzjonijiet.

Hekk kif bdiet il-Laqgħa s-Sindku ressaq sospensjoni tar-regolamenti biex fuq l-Agenda tiżdied item numru 9, Ħlas ta' pagamenti minħabba li din tħalliet barra bi żvista. Ma' kienx hemm oġġezzjoni.

### 3 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi, il-Minuti ġew approvati nem. con. kif ppreżentati.

*3.1.2 Tagħrif li joħroġ mill-Minuti*

- Job Club li qed jiltaqa' regolari fl-Uffiċċju tal-Kunsill.
- Ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsill ġew trasferiti taħt it-tmexxija tal-Kunsillier Reno Chircop.
- Qed jitkomplew il-laqgħat bi preparazzjoni għal kors ta' l-edukazzjoni għall-adulti.
- Saru kuntatti ma' James Farrugia fl-Ambaxxati Maltija fl-Italja biex jitkomplew id-diskussjonijiet għal ġemellaġġ mal-Belt ta' Cassino.
- Il-Banek BOV / HSBS offrew donazzjoni għall-attivitajiet ta' Jum l-Isla.
- Għal-laqgħa mal-Ministru Louis Deguara mitluba mis-Sindki tal-Kottonera u l-Kalkara dwar in-nuqqas ta' servizzi mill-Polyclinic ta' Bormla għandhu jattendi il-Viċl Sindku Walter Ahar u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2002 fis-7.00pm il-Parlament.

## 3(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.

*3.2.1 MTA - Żvilupp tal-Kottonera (18 / 04 / 02)*

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa flimkien mas-Sur Claude Zammit rappreżentant ta' l-Awtorita tat-Turiżmu. Id-diskussjoni kienet dwar kif jista jitjieb l-aspett turistiku fil-lokal ta' l-Isla.

*3.2.2 Laqgħa Appoġġ (19/04/02)*

Is-Sindku kellu laqgħa mas-Sinjorina Vanessa Caruana dwar l-attivitajiet li ser isiru u dwar korsijietfl-illitteriżmu.

*3.2.3 Radju Tlett Ibliet (22/04/2002)*

Is-Sindku kien mistieden flimkien ma' l-Arċipriet biex jieħdu sehem fuq ir-Radju tat-Tlett Ibliet dwar il-problema tal-Housing u s-sitwazzjoni soċjali fil-Kottonera.

*3.2.4 Esebizzjoni De La Salle (25/04/02)*

Is-Sindku attenda esebizzjoni tal-UNESCO mtella' minn tfal ta' 6 u 7 snin li jattendu f'dan il-kulleġġ.

*3.2.5 eCouncillor Forum (26/04/02)*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Charmaine Gerada attendew eCouncillor Fourm imtella' mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn ġie mfisser il-launching u t-tħaddim tas-sistema ta' l-eGovernment u benefiċċji tas-sistema fil-Kommunita'. Din saret fil-Holiday Inn Hotel, Sliema.

*3.2.6 Sotto Kumitati*

Saru żieda ta' Membri fuq is-Sotto-Kumitati miċ-Chairpersons tagħhom. Wara li saret ridefinizzjoni ta' kif għandhom ikunu dawn is-Sotto Kumitati, ġew aġġustati fil-format uffiċjali kif anness mal-Minuti.

Is-Sindku fakkar li s-Sotto Kumitati jistgħu biss jipproponu u jirrikamondaw lill-Kunsill. Iċ-Chairperson huwa fl-obbligu li jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv bil-laqgħat tagħhom kif ukoll li jgħaddi kopji tal-Minuti tal-laqgħat li jinżammu lis-Segretarjat tal-Kunsill.

*3.2.7 Servizz ta' l-Ilma fi Pjazza San Mikiel*

Fuq talba tas-Sindku il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera lesta li tiffinanzja t-tibdil tas-sistema ta' l-ilma f'din il-Pjazza. Għalhekk saret talba għal stima ta' dan ix-xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

*3.2.8 Pjazza Juan B. Azopardo*

Bi qbil mas-Sur Ray Bondin (Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera) bdiet il-ħidma biex titkompla t-tieni fażi tax-xogħol f'din il-Pjazza. Sar kuntatt mas-sur Mikiel Vella biex jiġi stmat il-valur tax-xogħol meħtieġ.

*3.2.9 Tabelli ta' kif għandhom jipparkjaw*

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jinħtieġ isiru tabelli li jindikaw biex il-karozzi jipparkjaw rashom il-ġewwa għal raġunijiet ta' saħħa. Il-postijiet huma Pjazza Francesco Zahra, Misraħ 4 ta' Settembru u l-Belvedere fi Triq is-Sur. Kif ukoll issir tabella fi Pjazza 4 ta' Settembru li tipprojbixxi l-ħasil tal-karozzi tal-linja f'din il-Pjazza.

*3.2.10 Għajnuna Filantropika*

Il-Kunsill qabel li jgħin biex tifla bi bżonnijiet speċjali minn dar il-Kaptan tmur Sqallija. Il-Kunsill qabel ukoll li għall-attivitajiet Soċjali u għall-Anzjani jaħdem fuq proċedura ta' kif talbiet bħal dawn jiġu proċessati fil-futur. Ser tingħata għajnuna ta' Lm15 lil din it-tifla.

*3.2.11 Skola Primarja Dom Mauro Inguanez*

Jidher li qed tkun problema biex traffiku jinżamm milli jgħaddi minn Triq Is-Sur u minn Triq l-Oratorju għal Triq il-Ħabs l-Antik (quddiem l-Iskola) waqt il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal tad-dħul fl-iskola, l-Iskola stess lesta tieħu ħsieb dawn il-bollards.

Il-Kunsill qed jaqbel ma' din il-proposta.

*3.2.12 Pedestrian Crossing*

Ġie suġġerit li ssir pedestrian strip fi Triq il-Vitorja u Triq Iż-Żewġ Mini quddiem il-mużew tas-Subien u tal-bniet.

Il-Kunsill qed jaqbel ma' din il-proposta wara li jkun kiteb lill-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku.

*3.2.13 Appoġġ mill-Arċipriet lill-Kunsill għall-Attivitajiet (Jum l-Isla)*

Wara laqgħa li s-Sindku kellhu ma' l-Arċipriet sar qbil li l-Kor jieħu sehem fil-Quddiesa Solenni ta' Jum l-Isla u fis-Serata li ser issir fi Ġnien il-Gardjola. Il-Kumitat ta' l-Armar tal-Festi ser jarmaw Ġnien il-Gardjola għall-okkażjoni.

Il-Kunsill qabel li jagħti donazzjoni għal dan is-servizz ta' madwar Lm 60.

Min-naħa l-oħra ġie suġġerit li l-Kunsill Parrokjali jieħu f'idejh il-catering tal-bibita li ser issir fi Ġnien il-Gardjola bi prezz speċjali (Lm250 għal 300pax) Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u jekk kollox imur sewwa din isservi għal aktar ħidma fil-futur.

*3.2.14 Tibdil fil-Pjanta (Play Area) 04/0496/02/I*

Il-Kunsill qabel li jsir tibdil fil-bankina ta' quddiem l-Iskola biex ikun hemm aktar sigurta' għat-tfal li jkunu ħerġin mill-iskola.

Il-Kunsill għandhu jinforuna biex il-Perit Mariello Spiteri imexxi mal-Malta Environment & Planning Auhtority b'waħda miż-żewġ proposti li ssuġġerixxi s-Sotto Kumitat tal-Proġetti.

*3.2.15 Mħażen 1, 2, 3, 4 fix-Xatt ta' l-Isla*

Il-Kunsill qabel li jkompli bil-proċedura mitluba skond Memo biex dawn l-imħażen jiġu devoluti lill-Kunsill biex jiġu rranġati biex jintużaw bħala boathouses, storage għall-karrijiet tad-dgħajjes tal-lokal kif ukoll bħala gymnasium għaż-żgħażagħ.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada l-Kunsill qabel ma' l-għanijiet ta' dan il-proġett u biex il-proċess li diġa' ndeba mad-Dipartiment ta' l-Artijiet jitkompla permezz tad-Dipartiment tal-kunsilli Lokali.

## 3.2.16 Korrispondenza

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-15 u s-26 ta' April 2002 ġiet ippreżentata fil-Kunsill.

- *Seminar Sedqa (04/0603/02/I)*

Għal dan is-Seminar ser jattndu s-Sur Joseph Casha s-Sindku, is-Sur Reno Chircop, Kunsillier u s-Segretarju Eżekuttiv s-Sur Alphonse Zammit.

- *Regatta Club (04/0605)02/I)*

Talbu li ssir crash barrier ma' ġenb il-bar tal-Klabb. Għandhu jsir kuntatt mal-kuntrattur dwar il-crash barrier li kien hemm fi Pjazza 4 ta' Settembru.

- *Football Tournament ( Five - a - side) (04/0611/02/I)*

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara qed jorganiżża dan it-tournament għal ħlas ta' Lm40. Billi r-regolamenti kienu ser jingħataw wara li ssir applikazzjoni, l-Kunsill qabel li ma' nieħdux sehem.

- *Skola Sekondarja Bniet Fra Diego Bonanno (04/0678/02/I)*

Il-Kunsill qabel li jagħti ktieb għal Jum il-Premjazzjoni. F"din l-Iskola hemm tfal mill-Isla.

- *Kampanja Nazzjonali Solidarjeta' bl-Isport*

Is-Sindku ġie mistieden biex jagħti messaġġ qasir.

- *Żjara mir-residenti ta' Ta' Xbiex (04/0695/02/I)*

Il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex qed jorganiżża żjara mill-anzjani ġewwa l-Isla. Il-Kunsill qabel li jgħin kif jista'.

- *Użu ta' Ġnien il-Gardjola ( 04/0696/02/I)*

Il-Kunsill qabel li jagħti permess lil Inter Travel li xtaqu jagħmlu użu minn Ġnien il-Gardjola biex jorganiżża Dinner nhar is-Sibt 11 ta' Mejju 2002 fis-6.30pm għat-Turisti.

- *Cruises bid-dgħajjes madwar il-Port il-Kbir (04/0700/02/I)*

Il-Kunsill qabel li jilqa t-talba mingħand S. Burke biex ikun hemm Ticket Stand u Tabella li tirriklama cruises tad-dgħajjes madwar il-Port il-Kbir u Dockyard Creek. Dan sakemm l-applikant għandu l-permessi kollha meħtieġa. Waqt id-diskussjoni u meta ttieħdet id-deċiżjoni l-Viċi Sindku Walter Ahar kien assenti minħabba li jista jkun hemm konflitt ta' nteress.

- *Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (23/04/2002)*

Dawn talbu servizz ta' nformazzjoni bl-email. Għandhu jiġi diskuss mis-Sotto-Kumita taż-żgħażagħ.

- *Senglea Regatta Club (04/0719/02/I)*

Il-Kunsill aċċetta t-talba tar-Regatta Club biex isir coffee morning fit-22 ta' Mejju, 2002 fis-Sala tal-Kunsill kif ukoll għal Lejla Maltija fi Ġnien il-Gardjola fis-7 ta' Ġunju, 2002.

- *Zuntier tal-Knisja ta' San Filippu (04/0718/02/I)*

Talba mis-Superjur tal-Ġlżwiti biex issir xi ħaġa fuq iz-zuntier tal-Knisja biex it-tfal ma' jibqgħux jilgħabu l-football fih. Il-Kunsill qabel li jieħu parir tal-perit.

- *Korsijiet tal-Ganutell (04/0715/02/I)*

Is-Sindku bi ħsiebhu li jlaqqa' flimkien liż-żewġ għalliema li pproponew li jagħmlu l-korsijiet tal-Ganutell fil-Kunsill, bil-għan li jintlaħaq ftehim kif ser jaħdmu.

- *Loading / Unloading Bay fi Triq l-Arċisqof Mattei (04/0716/02/I)*

Il-Kunsill ma' laqax din it-talba minħabba li t-triq indikata hija arterja ewlenija tat-traffiku.

- *Skola Primarja Dom Mauro Inguanez, Isla (04/0728/02/I)*

Il-Kunsill għal issa ma' jistgħax jilqa' t-talba għax-xiri ta' PA System (Lm1, 500) f'dan l-istadju minħabba nuqqas ta' finanzi. Il-Kunsill bi ħsiebu jieħu deċlżjoni dwarha aktar il-quddiem.

- *Korsijiet tal-Leġġjun Ingliż*

Is-Sotto-Kumitat ta' l-Edukazzjoni ser jieħu ħsieb jagħmel kuntatt mal-British Legion dwar korsijiet ta' l-Ingliż li ser isiru fis-Sajf.

- *Skema ta' Saħħa - Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (04/0620/02/I)*

Il-Kunsill qabel li għal'issa jkopri s-sħubija ta' l-istaff biss għal din l-iskema tas-saħħa.

## (3) Ftehim Maltacom

3.3.1 Il-Kunsill ddiskuta dan il-ftehim bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Maltacom plc dwar ħlas ta' kontijiet tal-Maltacom plc.

3.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li d-dħul għall-Kunsill minn dan il-ftehim jista' ma' jkoprix l-ispejjeż tal-Kunsill.

3.3.3 Minħabba li l-Kunsill jmmen li dan huwa servizz ieħor għall-Kommunita fil-lokal, il-Kunsillier Reno Chircop ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada ppropona li dan il-ftehim għandhu jiġl aċċettat.

3.3.4 Il-Kunsill approva dan il-ftehim nem con u inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'dan il-qbil.

## (4) Faces Consultants Ltd - Bus Shelter Renovation Project

3.4 Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' dan il-kuntrattur biex jaraw fuq il-post kif dawn il-Bus Shelters jistgħu jiġu mplimentati minħabba li f'Misraħ 4 ta' Settembru tista' tinħoloq problema.

3.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv kellu jinfurmahom b'dan.

## (5) Ftehim eGovernment

Il-Kunsill ddiskuta l-ftehim imressaq mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali dwar l-implimentazzjoni ta' l-eGovernment fil-lokal ta' l-Isla permezz tal-Kunsill Lokali.

3.5.1 Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondata mill-Viċl Sindku Walter Ahar, il-Kunsill qabel nem con li jaċċetta dan il-ftehim skond kif propost mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## (6) Budget 2003

Il-Kunsill approva nem con il-Budget għas-somma ta' Lm 89, 284 għas-sena 2002/2003 kif propost mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.6.1 Dan ifisser li l-allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali għal-lokal ta' l-Isla huma tlett elef lira inqas mis-sena ta' qabel. Mill-allokazzjoni ta' din is-sena Lm3, 100 ser jiġu vvutati għall-eGovernment skond kif ġie ndikat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

3.6.2 Dan kien propost mill-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi.

## (7) Pooling Fir-Reġġjun - Kumitat Konġunt

Il-Kunsill qabel li jieħu sehem fil-pooling reġjonali minħabba li l-Kunsill jaqbillu b'dan.

## (8) Mozzjonijiet

Il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada u li kienet tgħid :

*Dan il-Kunsill Lokali japprova li min issa l'quddiem, l-attivitajiet soċjali li kienu jiġu organiżżati minnu jibdew jiġu organiżżati minn l-Għaqdiet kollha tal-lokal bil-ko-ordinazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-qliegħ kollu ġġenerat minn dawn l-attivitajiet jiġi maqsum bejn dawn l-għaqdiet skond formula approvata minn qabel.*

*Għal dan il-għan, il-Kunsill għandu jorganiżża laqgħa għal dawk kollha nteressati sabiex din il-ħidma favur l-għaqdiet volontarji tibda mill-aktar fis.*

Din il-mozzjoni ma' setgħetx titressaq għad-diskussjoni minħabba li sa dak il-ħin tal-laqgħa ma' kellhiex sekondant.

## (9) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

*3.9.1 Atrezzar fl-Uffiċċju tal-Kunsill*

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill qabel li jinxtraw għodda għall-ħaddiema assenjati mill-Kunsill kif ukoll fridge u dehumidifiers skond kif anness ma' dawn il-Minuti.

*3.9.2 Il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop ppropona li l-ħlas ta' pagamenti għas-somma ta' Lm 15, 277.82c kif annessi ma' dawn il-Minuti.*

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fl-10.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |